# REĠJUN ĊENTRU

---

## MINUTI

### Laqgħa tar-Reġjun Numru 26

## IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26

It-Tnejn 26 ta' Awwissu, 2019

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 33, Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sinjura Joanne Debono Grech – Sindku Birkirkara
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku tas-Sliema
Dott. Albert Buttigieg – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Conrad Borg Manché – Sindku Gżira
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Dott. Angelo Micallef - Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pieta'
Is-Sur Gianluca Falzon – Viċi Sindku Santa Venera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sinjura Magraret Baldacchino Cefai – Sindku l-Imsida

ASSENTI

Is-Sur Trevor Fenech – Sindku San Ġwann

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

26.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qara l-ittri ta' apoloġija mingħand is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, is-Sur Anthony Dalli u mingħand is-sostitut ta' Ħal Lija, is-Sur Daniel Mallia sabiex jinfurmana li ma setax jattendi għal din il-laqgħa.

26.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

26.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 25 li saret nhar il-Ġimgħa 9 t'Awwissu 2019 kienu meħuda bħala moqrija.

26.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef, u sekondati mis-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina.

## 26.3 Komunikazzjoni mill-President

26.3.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mingħand il-President.

## 26.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

26.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet imressqa mill-membri.

## 26.5 Rapporti

26.5.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 26.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Parteċipazzjoni fil-European Week of Regions and Cities 2019 fi Brussel***

25.6.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, spjega kif din is-sejħa kienet għalqet f'nosfinhar dakinhar u kienu applikaw Segretarju Eżekuttiv wieħed u ħames Sindki/Kunsilliera fi ħdan ir-Reġjun.

26.6.2 Il-President semma li l-unika Segretarju Eżekuttiv li applika kien is-Sur Alan Vella u għal din ir-raġuni ser ikun ir-rappreżentant mis-Segretarji Eżekuttivi fi ħdan ir-Reġjun.

26.6.3 Huwa spjega li peress li s-Sinjura Magaret Baldacchino Cefai kienet telgħet is-sena ta' qabel, din ser titneħħa mill-lista u għalhekk ippropona li s-Sur Stefan Cordina għandu jmur bħala rappreżentant peress li huwa membru fir-Reġjun.

26.6.4 Madankollu, is-Sur Stefan Cordina issuġġerixxa li għandu jittella isem bil-polza f'każ li ma jkunx jista' jattendi.

26.6.5 Għal din ir-raġuni permezz ta' polza ġiet magħżula l-Kunsilliera ta' Ħal Lija, is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

26.6.6 Il-Membri preżenti unanimament qablu dwar din id-deċiżjoni.

- *EU Funding Officer*

26.6.7 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, għamel referenza għal kuntratt li dan ir-Reġjun għandu fil-preżent mal-kumpanija EMCS Ltd. fejn dan ser jispiċċa fl-aħħar t'Ottubru 2019.

26.6.8 Għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv talbet lid-Direttur fuq Monitoraġġ u Support, lis-Sur Chris Galea, sabiex jinfurmana jekk din is-sejħa tistax terga' tinħareġ mir-Reġjun taħt il-fondi mgħotija mill-*ESC Plan* jew inkella jekk dan ir-Reġjun hux ser ikollu persuna allokata skond ir-riforma li daħlet fis-seħħ f'Lulju 2019.

26.6.9 Peress li dan ir-Reġjun ma kellux direzzjoni sa din il-laqgħa, aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Community Innovation Fund*

26.6.10 Il-President semma li saret laqgħa nhar it-Tlieta 20 t'Awwissu 2019 fl-uffiċċju tad-Direttur ta' l-iskemi u implimentazzjoni, fejn għaliha kien hemm preżenti s-Sinjura Marisa Pisani u s-Sinjura Dorianne Diacono f'isem id-DLG, il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sinjura Jeanette Galea. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Joanne Debono Grech, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Neil Spiteri, kif ukoll il-Kunsilliera, is-Sa. Marie Claire Zammit Bonello. F'isem il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex kien preżenti s-Sindku, is-Sur Max Zammit.

26.6.11 Il-President spjega kif f'din il-laqgħa kien hemm qbil sabiex il-Kunsill ta' Ta' Xbiex jara li jimxi mal-proġett tiegħu u jiġi konkluż sa' l-aħħar ta' din is-sena. Filwaqt li l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ser japplika għal permessi sabiex il-bini jkun differenti minn dak li kien ser jintuża fil-bidu però xorta waħda jinsab fil-ġnien tal-istazzjon ta' Birkirkara.

26.6.12 Is-Sindku tal-Pieta, is-Sur Keith Tanti, staqsa jekk da nil-fond għadux miftuħ.

26.6.13 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li din l-iskema kienet ħareġet fil-bidu tas-sena 2017 u kif waqt il-laqgħa mas-Sra. Pisani kien hemm indikazzjoni li din l-iskema aktarx ser terġa toħroġ.

- *Scanning ta' Dokumenti*

26.6.14 Il-President informa lill-membri preżenti kif id-deċiżjoni li kienet ittieħdet fil-laqgħa preċedenti kellha tiġi sospiza peress li l-ispiża biex issir ta' sena waħda kienet ser taqbeż l-ammont ta' €10,000 u għalhekk ikun jirrikjedi li tinħareġ sejħa ta' offerti u ma nkunux nistgħu nipproċedu s-servizz b'kwotazzjonijiet.

26.6.15 Il-President semma li hu kien staqsa wkoll lill-prosekutur dwar l-ammont ta' karti li kienu qed jiġu pprintjati u Dott. Richard Sladden kien spjegalu li hu kemm-il darba kien jgħid lir-Reġistraturi biex ma jipprintjawlu l-ebda karta. Għal din ir-raġuni, s-Sur Fenech Adami ssuġġerixxa li trid tinstab soluzzjoni kompjuterizzata biex tibda tonqos il-volumm ta' karti.

26.6.16 Hu żied jgħid li peress li l-LESA ikkonfermat li mhux ser tirrifondi l-ispejjeż li jsir għal dan is-servizz, din id-deċiżjoni trid tittieħed mid-DGL peress li t-tribunali għadhom jaqgħu taħthom u mhux mal-LESA. Peress li l-problema tinsab fir-Reġjun tax-Xlokk, kien hemm qbil bejn iż-żewġ presidenti u tlabna laqgħa mad-Direttur Ġenerali tad-DGL, is-Sur Natalino Attard. Tlabna li għal din il-laqgha jkun hemm preżenti wkoll il-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava, kif ukoll lid-Direttur Chris Galea. Din il-laqgħa ser tinżamm nhar il-Ħamis 5 ta' Settembru 2019. Konklużjonijiet minn din il-laqgħa ser jingħawtaw fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv*

26.6.17 Il-President semma kif dan ir-Reġjun għandu jinnomina uffiċjal li jkun fi Skala 11 jew 10 biex tinkiseb l-approvazzjoni tal-Ministru u kif fil-preżent dan ir-Reġjun għandu impjegata waħda fi skala 10 li hija r-Reġistratur u żewġ impjegati fi Skala 11 (Deputat Reġistratur u *Accounts Officer*).

26.6.18 Hu kompla jispjega kif li dawn l-impjegati f'dawn l-iskali huma tat-Tribunal u m'humiex involuti fix-xogħol amministrattiv relatat mar-Reġjun u l-Accounts Officer għadha fil-perjodu ta' prova u għalhekk m'għandhomx ikunu eleġibli għal din il-pożiżżjoni.

26.6.19 Uħud mill-membri preżenti staqsew jekk jistax jinħatar is-Sur Danilo Bezzina pero s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ġibdet l-attenzjoni li l-persuna maħtura trid tkun minn Skala 11 'l fuq u s-Sur Bezzina jinsab fl-iskala 13.

26.6.20 Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja x'jista' jsir dwar dan.

- *Applikazzjoni għal Fondi mis-Surplus tal-LESA*

26.6.21 Il-President informa lill-membri preżenti li kienu saru diversi laqgħat ma entitajiet differenti u qed jiġu mressqa x'proġetti ser isiru permezz ta' dawn il-fondi.

26.6.22 Il-President spjega kif is-somma ta' €82,947.16 ser tinqasam f'ħames proġetti:

- Avvenimenti sportivi li saru matul is-sena 2019 - €15,000;
- *Scholarship* għal tlettax-il student sabiex jieħu sehem f'kors eSports - €13,000
- Xiri ta' van ta' l-elettriku għall-użu tal-ħaddiema ta' l-RSSL fir-reġjun - €35,000;
- Mixjiet kulturali għall-anzjani kif ukoll għall-istudenti fl-iskejjel tal-primarja - €9,000
- Proġett fuq Organic Gardening fl-iskejjel tal-primarja u f'ġonna abbandunati fil-lokatijiet - €9,000.

26.6.23 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 26.7 Xogħol Vakanti – Clerk (Skala 15 – *Part Time)*

26.7.1 Il-President għamel referenza għal din il-vakanza fejn kienet miftuħa għall-Kunsilli Lokali u Reġjuni sa nhar it-Tnejn 19 t'Awwissu 2019 u peress li dan ir-Reġjun ma rċieva l-ebda applikazzjoni s-Segretarju Eżekuttiv talbert lil Jobsplus sabiex din is-sejħa tkun miftuħ għal dawk li huma rreġistrati fuq Part 1. Aġġornament dwar din il-vakanza tingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 26.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

26.9.1 Il-Viċi Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Gianluca Falzon, sekondat mil-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 24A u 24B.

## 26.10 Mozzjonijiet

- *Mozzjoni mressqa minn Dott. Albert Buttigieg – L-emenda tal-Liġi tal-Kera/ir-Reġistrazzjoni ta' Kerrejja ta' Short Lets dwar il-ġbir taż-żibel*

26.10.1 Il-President semma kif fuq qbil mill-laqgħa preċedenti tar-Reġjun, saret laqgħa bejn il-maġġoranza tal-membri nhar l-Erbgħa 21 t'Awwissu 2019 fejn ġie diskuss dan is-Suġġett. F'din il-laqgħa ġie deċiż li ghandha tintala laqgħa maċ-Ċhairman ta' l-Awtorita tat-Turiżmu ta' Malta, Dott. Gavin Gulia, kif ukoll maċ-Ċhairman ta' l-Awtorita ta' l-aritijiet, l-Imħallef Emeritus Lino Farrugia Sacco.

26.10.2 Il-President qal kif dan ir-Reġjun irċieva risposta mingħand Dott. Gulia u l-laqgħa ser tinżamm nhar it-Tlieta l-1 t'Ottubru 2019, fil-11 ta' filgħodu.

26.10.3 Is-Sur Tanti staqsa għalfejn din qed tiġi limitata fuq aspett tat-turisti peress li ħafna każijiet huma Maltin stess li jarmu b'mod illegali u mhux t-turisti biss.

26.10.4 Il-President spjega li din il-laqgħa intlabet peress li l-persuna li tkun qed tikri jrid ikollha l-permessi neċessarji. Permezz ta' dawn ir-reġistri, wieħed ikun jista' jkun jaf aktar dwar il-kondominju ta' kull post.

- *Mozzjoni mressqa mis-Sur Keith Tanti – Distribuzzjoni ta' flus mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet lill-Kunsilli Lokali*

26.10.5 Fuq qbil mill-laqgħa preċedenti tar-Reġjun, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Galea, bagħtet il-kalkulazzjonijiet fuq somma ta' €300,000. Dawn il-kalkoli ntbagħtu permezz ta' emejl nhar il-Ġimgħa 16 t'Awwissu 2019 għall-attenzjoni tal-membri kollha. Kopja ta' dawn il-kalkulazzjonijiet ġew imqasma lill-membri preżenti.

26.10.6 Il-President żied jgħid li hu kien ġie nfurmat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fil-ġranet li ġejjin kienet ser tgħaddi t-tieni allokazzjoni finanzjarja.

26.10.7 Is-Sindku tal-Pieta', is-Sur Keith Tanti, staqsa jekk ir-Reġjun għandhux ħjiel dwar meta ser tidħol is-somma ta' madwar €1.2 miljun mill-Gvern peress li dawn għadhom mhux qed jidru fil-kotba ta' l-*accounts*.

26.10.8 Il-President semma li hu kien l-unika President fost il-ħames Reġjun li qed jinsisti li dawk il-flus huma tal-Kunsilli Lokali u għalhekk għandhom jerġgħu jmorru lura għand il-Kunsilli Lokali.

26.10.9 Għal benefiċċju tal-membri ġodda, il-President ta spjegazzjoni dwar kif kienet ittieħdet id-deċiżżjoni lura fl-2014 dwar b'liema metodu għandhom jiġu mqassma dawn il-flus.

26.10.10 Wara li saret diskussjoni fit-tul dwar dan is-suġġett bejn il-membri preżenti, il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippropona li t-tqassim tal-flus għandha tibqa' l-istess (b'dik li l-ewwel tiġi mqassma 2.5% mis-somma b'mod ugwali lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun u l-kumplament tas-somma tinqasam skond l-ammont ta' ċitazzjonijiet li nħarġu fil-lokalitajiet). Meta eventwalment tidħol is-somma l-kbira, terġa tiġi diskussa l-mod ta' kif għandhom jiġu mqassma l-flus.

26.10.11 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar din id-deċiżjoni.

- *Mozzjoni mressqa mis-Sur Conrad Borg Manche – Problema bil-Ħamiem*

26.10.12 Għalkemm din il-mozzjoni ma kinitx inkluża fl-aġenda, il-President aċċetta li għandha titressaq din il-mozzjoni li ġiet imressqa mis-Sur Borg Manche.

26.10.13 Il-President spjega kif din il-problema kienet qed tiġi ndirizzata mill-AKL u kif l-istqarrija li kienu ħarġu bħala AKL kienet ġiet nulla peress li ma kinitx konforma mad-drittijiet ta' l-annimali.

26.10.14 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid kif wara diversi laqgħat ma' persuna kkonċernati, l-AKL ikkonkludew li għandha tibda tintuża s-sistema li tintuża f'Barċellona fejn jingħata għalf regolarment biex jippreveni milli jħalli lill-ħamiem jipproduċu.

26.10.15 Is-Sur Fenech Adami spega li l-proċess jieħu madwar sentejn u peress li tista ħafna flus, l-AKL qed tipprova ssib modi ta' finanzjament biex dan ikun jista' jiġi ffaċilitat.

26.10.16 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, spjega kif hu tkellem mat-tabib ta' l-Għammieri u offrielu li jekk ikun hemm iktar minn Kunsill Lokali wieħed, ikun hemm aktar saħħa sabiex dawn ikunu jistgħu jitneħħew.

26.10.17 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti ġie deċiż li għandha tintalab laqgħa mad-Dipartiment għar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa Ambjentali u mad-Dipariment tar-Regolamentazzjoni Veterinjara u Fitosanitarja.

## 26.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

26.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru, 2019 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 24 ta' Settembru, 2019.

IFFIRMATA

Michael Fenech Adami
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv